# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 13**

**Rikors Kostituzzjonali Numru 290/2021/1 GM**

**Lilian Martinelli, Michael Santucci, Bernardette Grech, Margaret Santucci, Marie Louise Grech Santucci, Tabib Dottor Anthony Pisani, Catherine *sive* Kate Axiaq, Andrew James Pisani, Denise Vella u Lisa Kate Fenech**

***v.***

**Avukat tal-Istat**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali fis-17 ta' Jannar 2022, li sabet illi bl-applikazzjoni tal-art. 12, partikolarment l-art. 12(2) u (7), tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar inkisru d-drittijiet fondamentali tal-atturi mħarsa taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["l-Ewwel Protokoll"]. Bħala

rimedju għal dan il-ksur l-ewwel qorti ordnat lill-Avukat tal-Istat sabiex iħallas kumpens lill-atturi fl-ammont ta' erbatax-il elf euro (€14,000) bħala danni pekunjarji u elf euro (€1,000) bħala danni mhux pekunjarji, bl-imgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% mid-data tas-sentenza appellata sad-data tal-ħlas.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġew imfissra hekk mill-ewwel qorti:

> »Ir-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-fond … il-Gżira li ġie għandhom permezz ta' wirt ta' Vincent Santucci. Oriġinarjament il-fond in kwistjoni kien ta' Leonilda Ciappara li mietet fid-9 ta' Novembru 1962 u ħalliet l-istess fond bi pre-legat lin-neputi tagħha Vincent Santucci.
>
> »Leonilda Ciappara kienet ikkonċediet b'titolu ta' sub-enfitewsi temporanja għal għoxrin sena lil ċertu … permezz ta' kuntratt tal-15 ta' April 1959 fl-atti tan-Nutar Dottor George Cassar versu sub-ċens annwu temporanju ta' Lm24 fis-sena pagabbli kull tliet xhur bil-quddiem.
>
> »B'kuntratt tat-12 ta' Marzu 1960 fl-atti tan-Nutar Dottor Victor Bisazza, l-istess … bigħ u ttrasferixxa ż-żmien li kien fadal mill-imsemmija konċessjoni sub-enfitewtika temporanja surriferita lil ċertu …
>
> »Eventwalment, l-istess … bigħ u ttrasferixxa ż-żmien li kien fadal mill-imsemmija konċessjoni sub-enfitewtika temporanja surriferita lil … permezz ta' kuntratt datat 28 ta' Mejju 1962 fl-atti tan-Nutar Dottor Victor Bisazza.
>
> »… bigħet u ttrasferixxiet ż-żmien li kien fadal mill-imsemmija konċessjoni sub-enfitewtika temporanja surriferita lil ċertu … permezz ta' kuntratt datat 6 ta' Diċembru 1963 fl-atti tan-Nutar Dottor Victor Bisazza.
>
> »… bigħ u ttrasferixxa ż-żmien li kien fadal mill-imsemmija konċessjoni sub-enfitewtika temporanja lil Joseph Zerafa, żewġ l-okkupanta tal-lum Lorna Zerafa permezz ta' kuntratt datat 25 ta' Ġunju 1977 fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza.
>
> »Il-konċessjoni enfitewtika temporanja skadiet fl-14 ta' April 1979 iżda a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Att XXIII tal-1979 Lorna Zerafa u żewġha baqgħu joqogħdu fil-fond in kwistjoni peress li kienu ċittadini Maltin u ordinarjament residenti fil-fond in kwistjoni b'kera ta' Lm48 fis-sena. Illum il-ġurnata Joseph Zerafa ġie nieqes iżda martu Lorna Zerafa għadha toqgħod hemm.
>
> »Il-kera attwali mħallas mill-inkwilina Zerafa huwa ta' €210 fis-sena.
>
> »Il-fond in kwistjoni mhux dekontrollat.«

3. Lill-atturi jidhrilhom li dan kollu huwa bi ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom u għalhekk fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

> »1. tiddikjara u tiddeċiedi illi … bl-operazzjonijiet tal-liġijiet viġenti, *inter alia* l-operazzjonijiet tal-artikolu 12, partikolarment l-artikolu 12(2) u 12(7) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXIII tal-1979, u disposizzjonijiet oħra viġenti, fil-konfront tar-rikorrenti, taw dritt ta' rilokazzjoni indefinita lil Lorna Zerafa u qabilha lill-mejjet żewġha għall-fond … il-Gżira, b'tali mod li ġie reż prattikament impossibbli għar-rikorrenti li jirriprendu l-pussess effettiv tal-istess fond …;
>
> »2. konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi bil-kontinwata okkup-azzjoni tal-fond … minn Lorna Zerafa mingħajr il-ħlas ta' kumpens adegwat u li jirrifletti l-valur tas-suq, li sarrfet fil-privazzjoni kontinwata tar-rikorrenti mill-pussess tal-fond fuq imsemmi, u bl-applikazzjoni tal-liġijiet li ppermettew u għadhom qed jippermettu din l-okkupazzjoni, ġew u għadhom qegħdin jiġu vjolati d-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti fl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;
>
> »3. konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tas-suespost u b'konsegwenza tal-fatt illi l-liġijiet viġenti ma kkreawx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk ta' l-inkwilina Lornza Zerafa *stante* illi ma jirriflettux is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjetà in kwistjoni *ai termini* tal-liġi;
>
> »4. tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u non pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti *ai termini* tal-liġi;
>
> »5. tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji hekk likwidati *ai termini* tal-liġi, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament.
>
> »Bl-ispejjeż … … ….«

4. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

> »1. tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat safejn m'humiex kompatibbli ma' din is-sentenza;
>
> »2. tilqa' *in parte* l-ewwel u t-tieni talbiet billi tiddikjara li fil-konfront tar-rikorrent bl-operazzjoni tal-artiklu 12 partikolarment l-artiklu 12(2) u 12(7) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXIII tal-1979 u bid-disposizzjonijiet oħra viġenti, fil-konfront tar-rikorrenti … taw dritt ta' rilokazzjoni lil Lorna Zerafa, u qabilha lill-mejjet żewġha, għall-fond … il-Gżira, b'tali mod li sas-sena 2018 għamilha diffiċli u ħaġa x'aktarx inċerta għar-rikorrenti msemmija li jirriprendu l-pussess effettiv tal-istess fond … u / jew jirċievu kera ġust għall-istess fond, u b'hekk bejn il-25 ta' Novembru 2011 u l-10 t'April 2018 inkisrulhom id-drittijiet fundamentali kif protetti bl-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-ewwel artiklu tal-

Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta’ Malta);

»3. tilqa’ b’mod ikkwalifikat it-tielet talba u tiddikjara l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għall-kumpens ta’ danni pekunarji u non-pekunarji sofferti mir-rikorrenti msemmija b’konsegwenza tas-suespost u b’konsegwenza tal-fatt illi l-liġijiet viġenti ma kreawx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilina Lorna Zerafa *stante* illi ma jirriflettux is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjetà in kwistjoni skont il-liġi;

»4. tilqa’ r-raba’ talba billi tillikwida l-istess kumpens għad-danni kif batuti mir-rikorrent msemmija fis-somma ta’ €14,000 danni pekunjarji u €1,000 danni mhux pekunjarji;

»5. tilqa’ l-ħames talba billi tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrenti msemmija l-kumpens kif likwidat … bl-imgħaxijiet legali tat-8% mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

»Bl-ispejjeż a karigu tal-intimat Avukat tal-Istat.«

5. Safejn huma rilevanti għall-appell tal-atturi, il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»… … … Kif inhu paċifikament stabbilit, il-proporzjon m’għandux ikun mal-valur tal-kirjiet fis-suq ħieles, imma mal-valur tagħhom tenut kont tal-interess soċjali. Ġaladarba l-obbligu tal-Istat huwa li jżomm bilanċ bejn l-interess privat ta’ massimazzjoni tal-isfruttament tal-proprjetà privata u l-ħtieġa tal-istat li jipprovdi l-akkomodazzjoni soċjali, loġikament il-kumpens li tipprovdi qorti f’sede kostituzzjonali m’għandux ikun allaċċjat mas-suq ħieles, imma jrid ikun ittemperat skont dan il-bilanċ.

»Minn din il-qagħda, il-qorti tikkonkludi li l-liġijiet viġenti imponew fuq rrikorrenti piż sproporzjonat u eċċessiv għal ħafna snin, u li l-Istat naqas milli jibbilanċja l-interess ġenerali mal-interess tagħhom.

»... … …

»<u>Likwidazzjoni tal-kumpens</u>:

»Skont stima magħmula mill-perit tekniku, il-valur fis-suq miftuħ tal-fond *de quo* huwa ta’ €270,000. Il-kumpens mogħti jista’ jiġi kkalkolat minn meta r-rikorrenti saru sidien tal-fond għaliex l-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali tagħhom jista' jiġi kkunsidrat mid-data li fiha saru sidien sas-sena 2018 meta ġie ppromulgat l-Att XXVII tal-2018. Il-*punctum temporis* rilevanti huwa meta ġie nieqes Vincent Santucci u ċjoè il-25 ta’ Novembru 2011. Il-valur lokatizju ta’ mis-sena 2011 sa 2018 tela’ minn €4,550 fis-sena 2011 għal €7,700 fis-sena 2018.

»Huwa stabbilit li r-rimedju li tista’ tagħti din il-qorti huwa kumpens għall-ksur tad-dritt fundamentali u mhux danni ċivili għal opportunità mitlufa. Fi kliem ieħor ma tistax tillikwida l-ammont ta’ kumpens billi tikkalkula d-differenza bejn il-kera fis-suq ħieles u l-kera mħallsa. Biex tasal għal dan, il-qorti jeħtiġilha tqis għadd ta’ fatturi, fosthom it-telf effettiv li jkun ġarrab is-sid, l-għan soċjali maħsub mil-liġi, il-grad ta’ sproporzjon fit-

tqabbil bejn id-dħul attwali li qiegħda tirċievi r-rikorrenti mad-dħul li jista' jinkiseb fis-suq ħieles, id-danni materjali li l-parti rikorrenti tista' tipprova li ġarrbet. Minn kif wieħed jista' jara, dawn il-kriterji huma firxa sħiħa li trid titqies f'kull każ għalih u jiddependu ħafna miċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ. Minn din il-qagħda, l-qorti tikkonkludi li l-liġijiet viġenti imponew fuq r-rikorrenti piż sproporzjonat u eċċessiv għal ħafna snin, u li l-Istat naqas milli jibbilanċja linteress ġenerali mal-interess tagħhom.

»Fid-deċiżjoni riċenti tal-Qorti Ewropea, <u>Cauchi *v.* Malta</u> tal-25 ta' Marzu 2021 intqal:

> »"103. … … … the Court considers that for the purposes of awarding compensation, such estimates may be reduced by around 30% on the grounds of that legitimate aim. … … …
>
> »104. Furthermore, the Court is ready to accept, particularly in view of the recent boom in property prices, that if the property had not been subject to the impugned regime it would not necessarily have been rented out throughout the entire period. Therefore, it is acceptable to consider that the actual losses were less than those claimed, by at least 20%".

»Il-Qorti Kostituzzjonali tagħna f'deċizjonijiet li ngħataw wara s-sentenza suriferita, imxiet mal-Qorti Ewropea u rriteniet li jrid ikun hemm tnaqqis fil-kumpens għad-danni kif spjegat f'<u>Cauchi *v.* Malta</u>. Ċjoè wara li titnaqqas il-kera mħallsa lis-sidien:

> »"… il-kumpens jista' jonqos b'xi 30% minħabba l-għan leġittimu wara l-protezzjoni u 20% tnaqqis ieħor minħabba l-inċertezza dwar kemm il-proprjetà kienet ser tkun mikrija għall-perjodu kollu."

»… … …

»Bħala konsegwenza tal-fatt li l-istat kiser id-drittijiet tar-rikorrenti kif sanċiti mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ta' Konvenzjoni Ewropea, l-istat għandu jħallas danni morali kif ukoll danni pekunjarji. Il-qorti qiegħda tistabbilixxi li l-intimat Avukat tal-Istat għandu jħallas lir-rikorrenti kumpens pekunjarju li jammonta għal €14,000 in kwantu għal €7,000 lil attriċi Lillian Martinelli u in kwantu għal €7,000 fi kwoti ndaqs bejn r-rikorrenti Michael, Bernardette, Marie Louise u Margaret aħwa Santucci. Ir-rikorrenti Dr Anthony Pisani, Catherine *sive* Kate Axiak, Andrew James Pisani, Denise Vella u Lisa Kate Fenech saru sidien tal-fond *de quo* meta Carmelina Pisani ġiet nieqsa fid-19 ta' April 2020 u għalhekk ma jikkwalifikaw għal ebda kumpens. Id-dannu morali ġej minn ksur tal-jedd ta' proprjetà huwa anqas gravi minn dak ġej minn ksur ta' jeddijiet marbuta mal-ħajja jew mal-personalità, u għalhekk il-qorti sejra tillikwidahom fis-somma ta' €1,000 biex jagħmlu tajjeb għall-frustrazzjoni u l-istat ta' inċertezza mposti fuq ir-rikorrenti. Dan l-ammont għandu jinqasam in kwantu għal €500 lir-rikorrenti Lilian Martinelli u €500 fi kwoti ndaqs bejn r-rikorrenti Michael, Bernardette, Marie Louise u Margaret aħwa Santucci.«

6. L-atturi appellaw b'rikors tal-1 ta' Frar 2022 li għalih l-Avukat tal-Istat wieġeb fis-16 ta' Frar 2022.

7. L-appell tal-atturi appellanti jolqot dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti ddikjarat li l-ksur tad-drittijiet tagħhom seħħ mill-25 ta' Novembru 2011 sal-10 t'April 2018. Jgħidu illi l-ksur seħħ mit-30 t'April 1987, u mhux minn meta wirtu l-fond kif iddikjarat l-ewwel qorti. Jgħidu wkoll illi l-ksur baqa' fis-seħħ sad-data tal-preżentata tar-rikors promotur *i.e.* sal-4 ta' Mejju 2021, u mhux sal-31 ta' Lulju 2018 kif iddeċidiet l-ewwel qorti. Dawn huma żewġ raġunijiet li, fil-fehma tal-atturi appellanti, jiġġustifikaw żieda fil-kumpens mogħti lilhom mill-ewwel qorti.

8. Dwar id-*dies a quo* l-atturi għandhom raġun, u l-ewwel aggravju għandu għalhekk jintlaqa' safejn jolqot il-kumpens pekunjarju. Bħala werrieta tas-sidien huma wirtu wkoll id-dritt ta' dawn għall-kumpens pekunjarju, kif fissret din il-qorti fis-sentenza tas-26 ta' Jannar 2022 fil-każ ta' <u>Erika Gollcher *et v.* L-Avukat tal-Istat *et:*</u>

> »… … … il-qorti tibda billi tosserva illi ma taqbilx mal-ewwel qorti li ż-żmien relevanti beda jiddekorri mill-2001, u *cioè* minn meta l-fond in kwistjoni sar proprjetà tal-atturi. Jirriżulta li l-atturi akkwistaw dan il-fond bħala l-eredi ta' ommhom, u għalhekk iż-żmien relevanti m'għandux jiġi ristrett għad-data meta l-atturi saru l-proprjetarji, ġaladarba bħala eredi ta' ommhom huma daħlu fiż-żarbun tagħha. Dan ifisser għalhekk li l-ewwel qorti ma akkordatx kumpens għal numru ta' snin li għalihom l-atturi kienu intitolati għal kumpens.«

9. Relevanti wkoll dak li ntqal fis-sentenza tat-30 ta' Marzu 2022 fil-każ ta' <u>Josephine Mifsud Saydon *v.* L-Avukat tal-Istat *et*</u>::

> »Il-qorti tqis li huwa korrett l-argument tal-Avukat tal-Istat li l-ewwel qorti kellha tikkalkula l-kumpens dovut lir-rikorrenti b'effett mit-30 ta' April 1987 u mhux mis-sena 1975. L-artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "[e]bda ksur … tal-artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 ta' April 1987 … ma għandu jagħti lok għal xi azzjoni taħt l-artikolu 4". Għalhekk l-Avukat tal-Istat għandu raġun li l-perjodu relevanti għall-finijiet ta' din il-kawża beda b'effett mit-30 ta' April 1987 u mhux mill-1975 kif ikkonsidrat l-ewwel qorti.«

10. Il-qorti għalhekk tilqa' dan l-aggravju u tgħid illi l-atturi għandhom jedd għal kumpens għall-ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom minn meta daħal fis-seħħ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ["Kap. 319"] fit-30 t'April 1987 u mhux minn meta wirtu l-fond kif qalet l-ewwel qorti.

11. It-tieni aggravju jolqot id-*deis ad quem*: l-atturi jgħidu illi l-ksur tad-drittijiet tagħhom ma seħħx biss sal-31 ta' Lulju 2018, meta daħlu fis-seħħ l-emendi għall-Kap. 158, iżda baqa' jseħħ sa meta dehrilhom li kellhom jiftħu din il-kawża tallum, u għalhekk jistħoqqilhom kumpens għal dak iż-żmien ukoll.

12. Huwa minnu illi l-atturi appellanti talbu kumpens b'seħħ sad-data tal-preżentata tar-rikors tagħhom fl-4 ta' Mejju 2021. Madanakollu, ma ressqu l-ebda talba sabiex il-qorti tiddikjara illi l-art. 12B, hekk kif daħal fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu, 2018, ukoll jikser id-drittijiet tagħhom għax jagħmlu referenza biss għall-art. 12(2) u (7) tal-Kap. 158. Anzi, l-attriċi Martinelli fl-*affidavit* tagħha tgħid espressament illi "f'din il-kawża mhux qed nattakkaw dik it-tali liġi (l-Att XXVII tal-2018) imma rridu biss il-kumpens dovut lilna għat-telf li għamilna tul dawn l-aħħar erbgħin sena"[1].

13. L-ewwel qorti wkoll fehmet illi "f'dan il-każ ir-rikorrenti qiegħda tilmenta li, bil-liġijiet viġenti qabel il-promulgazzjoni tal-Att XXVII tal-2018, il-kera li huma setgħu jitolbu mingħand l-inkwilini qatt ma setgħet tkun waħda li tikkompara mal-prezzijiet tal-kera fis-suq ħieles, u lanqas ma setgħu jitolbu li dan il-fond jintradd lura lilhom għajr f'dawk is-sitwazzjonijiet speċifiċi kkontemplati fil-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta".

---

[1] *Fol*. 155

14. Din il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-atturi ma jistgħux jilmentaw dwar ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom bejn l-1 ta' Awwissu 2018 sal-4 ta' Mejju 2021 – u jippretendu kumpens għal ksur li qegħdin jallegaw li seħħ matul dan il-perjodu – mingħajr ma jattakkaw ukoll l-effett illi l-artikolu 12B tal-Kap. 158 kellu fuq iċ-ċirkostanzi tal-każ. Ġaladarba l-art. 12B daħal fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2018, u ta diversi drittijiet ġodda lil min, bħall-atturi, huwa sid ta' proprjetajiet milquta bid-disposizzjonijiet tal-Kap. 158, fost-hom id-dritt li jirċievu żieda fil-kera u d-dritt li jiżgombraw l-inkwilin f'każ li m'għadx għandu bżonn il-protezzjoni tal-liġi, u dak l-artikolu ma huwiex qiegħed jiġi impunjat, mela din il-qorti ma tistax tiddikjara li kien hemm ksur tad-drittijiet tal-atturi u konsegwentement tagħti kumpens għaż-żmien mill-1 ta' Awwissu 2018 sa meta l-atturi iddeċidew li jiftħu l-kawża.

15. It-tieni aggravju huwa għalhekk miċħud.

16. Ngħaddu mela għal-likwidazzjoni tal-kumpens fid-dawl ta' dak li ngħad fuq, *viz.* illi l-kumpens għandu jinħadem b'seħħ mit-30 t'April 1987, meta daħal fis-seħħ il-Kap. 319, sal-1 t'Awwissu 2018, meta daħlu fis-seħħ l-emendi magħmula bl-Att XXVII tal-2018, fuq il-kriterji stabbiliti fis-sentenza fuq imsemmija ta' <u>Cauchi *v.* Malta</u>, *viz.* illi sabiex jiġi likwidat kumpens xieraq għandu jsir tnaqqis ta' madwar 30% mill-kera li kienu jdaħħlu atturi fis-suq ħieles minħabba l-għan leġittimu tal-liġi, u tnaqqis ieħor ta' 20% sabiex jittieħed kont tal-inċertezza illi l-atturi kienu jirnexxilhom iżommu l-proprjetà mikrija tul iż-żmien relevanti kollu. Għandu wkoll jitnaqqas il-kera li effettivament daħħlu, jew setgħu jdaħħlu taħt il-liġi dak iż-żmien.

17. Skond l-istima tal-perit tekniku l-kera li kienu jdaħħlu l-atturi fis-suq ħieles fiż-żmien relevanti kien ikun madwar mija u disat elef, seba' mija u tlieta u ħamsin euro (€109,753). Wara tnaqqis ta' 30%[2] jifdal madwar sitta u sebgħin elf, tmien mija u sebgħa u għoxrin euro (€76,827). Tnaqqis ieħor ta' 20%[3] jwassal għal madwar wieħed u sittin elf, erba' mija u tnejn u sittin euro (€61,462). Il-kera li daħħlu jew setgħu jdaħħlu l-atturi u l-awturi tagħhom fiż-żmien relevanti kien ta' madwar erbat elef, mija u tlieta u erbgħin euro €4,143[4]. Jidfal għalhekk bilanċ ta' madwar sebgħa u ħamsin elf, tliet mija u dsatax-il euro (€57,319)[5].

18. Il-kumpens pekunjarju li jmiss lill-atturi għalhekk qiegħed jiġi likwidat fis-somma ta' sebgħa u ħamsin elf, tliet mija u dsatax-il euro (€57,319).

19. Fl-aħħar parti tar-rikors tal-appell tagħhom, l-atturi jgħidu wkoll illi "dan il-kumpens pekunjarju għandu jitħallas *oltre* danni morali illi *ai termini* tal-aktar ġurisprudenza reċenti, fosthom is-sentenza fl-ismijiet Henry Deguara Caruana Gatto *v.* L-Avukat tal-Istat *et*, deċiża mill-Qorti Kostit-uzzjonali fit-23 ta' Novembru 2020, għandu jkun fl-ammont ta' €500 għal kull sena ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu". Huma għalhekk jippretendu mhux anqas minn ħmistax-il elf euro (€15,000) bħala danni non-pekunjarji.

---

2 €109,753 x 70% = €76,827.10

3 €76,827 x 80% = €61,461.68

4 Bejn l-1987 u l-2010 il-kera kien ta' Lm48 (€112) fis-sena; bejn l-2010 u l-2013 il-kera kien ta' €185 fis-sena; bejn l-2013 u l-2016 il-kera kien ta' €197 fis-sena; bejn l-2016 u l-2018 il-kera pagabbli kien ta' €202 fis-sena.

5 €61,461.68 - €4,143.00 = €57,318.68

20. Fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Marzu 2022 fl-ismijiet Josephine Mifsud Saydon *v.* L-Avukat tal-Istat *et* din il-qorti qalet hekk:

> »23. … Il-qorti tqis li għalkemm m'hemmx lok għal tnaqqis fil-kumpens pekunarju minħabba l-passività tas-sid ġaladarba l-azzjoni ma tkunx ġiet preskritta u allura d-dritt ta' azzjoni jkun għadu sħiħ u mhux mittiefes, dan ma jgħoddx ukoll għall-likwidazzjoni tal-kumpens non-pekunarju, l-għan ta' liema huwa li jikkumpensa lis-sid għat-tbatija morali li jkun sofra matul iż-żmien relevanti. F'dan ir-rigward il-passività tas-sid issir għalhekk relevanti. L-ewwel nett għaliex il-passività tindika li t-tbatija morali tas-sid kienet limitata tant li għażel li ma jagħmel xejn dwar is-sitwazzjoni għal snin twal. *Inoltre* l-individwu għandu obbligu legali li kemm jista jkun inaqqas id-dannu soffert minnu, ħaġa li s-sid ċertament m'għamilx ...«

21. Dawn il-konsiderazzjonijiet japplikaw ukoll għaċ-ċirkostanzi tal-każ tallum. L-atturi appellanti u l-awturi tagħhom baqgħu passivi għal diversi snin u ddeċidew li jiftħu l-proċeduri kostituzzjonali tallum fl-4 ta' Mejju 2021, diversi snin wara li sofrew ksur tad-drittijiet tagħhom. Minbarra dan, għalkemm il-jedd għad-danni patrimonjali jintiret, il-jedd tal-awturi fit-titolu tal-atturi għal danni morali ma jintiritx.

22. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti hija tal-fehma illi d-danni morali għaż-żmien bejn Novembru 2011, meta l-atturi wirtu l-fond, u l-31 ta' Lulju 2018 għandu jiżdied biss għal tlett elef euro (€3,000) u mhux kif pretiż mill-atturi.

23. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata:

    i. tħassarha fejn iddikjarat li seħħ ksur tad-drittijiet tal-atturi appellanti bejn il-25 ta' Novembru 2011 u l-10 ta' April 2018 u, minflok, tiddikjara li dan il-ksur seħħ bejn it-30 ta' April 1987 u l-31 ta' Lulju 2018;

ii. tħassarha fejn illikwidat kumpens pekunjarju fl-ammont ta' erbatax-il elf ewro (€14,000) u, minflok, tillikwida l-kumpens pekunjarju fis-somma ta' sebgħa u ħamsin elf, tliet mija u dsatax-il ewro (€57,319);

iii. tħassarha fejn illikwidat kumpens non-pekunjarju fl-ammont ta' elf ewro (€1,000) u, minflok, tillikwida l-kumpens non-pekunjarju dovut lill-atturi appellanti fis-somma ta' tlett elef ewro (€3,000);

iv. tikkonfermaha fil-bqija u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi, b'kollox, sittin elf, tliet mija u dsatax-il ewro (€60,319).

24. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif iddeċidiet l-ewwel qorti. Dawk ta' dan l-appell jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr